**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Mary Lee Attard

vs

Mirage Holdings Limited / Flamingo

CCT 127/22/MS

12 ta' April 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-5 ta' Settembru 2022 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallasha s-somma ta mitejn u hamsin euro (€250.00), u dan wara li xtrat tumbler dryer minghand is-socjeta' intimata, liema dryer zviluppat hsara fil-perjodu tal-garanzija.

Ra illi s-socjeta' intimata, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh, ma dahlet l-ebda risposta, u hadd mis-socjeta' ma deher meta hekk imsejjah biex jixhed.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi Illi fis-17 ta' Jannar 2019, ir-rikorrenti xtrat Mercury Tumble Dryer 7kg minghand is-socjeta' intimata ghall-prezz ta' €304.01. Dan l-ammont kien jinkludi wkoll somma addizjonali ta' €55.08 li r-rikorrent kienet hallset biex testendi l-garanzija minn sentejn ghal hames snin. Warai tlett snin u ftit xhur, il-magna ma bdietx tahdem u f'Mejju 2022 ntbaghat technician ghand ir-rikorrenti, li qallha li ha jikkuntattjawha fi zmien gimghatejn. Meta ma semat xejn, membru tal-familja taghha marret tkellimhom fil-hanut, u l-ghada baghtu technician li hadilha l-motherboard u qallha illi ma kellhomx parts ghaliex il-kumpaniija kienet falliet. Wara xî gimgha regghet cemplet u kellmet lil xi hadd li qal li ha jkollhom jiehdu l-magna fil-workshop taghhom, pero' hi rrifjutat ghaliex bezghet minhabba li kienu diga qalulha li m'ghandhomx parts. Gurnata wara cemplu r-rikorrenti u qalulha li l-kumpanija kienet ghalqet u li Flamingo m'ghadhomx iktar responsabbli ghall-garanzija. Ofrrewlha li tmur ghand it-Triple A biex tixtri magna bid-discount u fil-fatt hija marret u xtrat magna ghall-prezz ta' mitejn u hamsin euro. Ghalhekk ir-rikorrenti talbet jew ir-rifuzjoni tal-prezz li hallset ghal

magna originali (€304.01), jew inkella l-mitejn u hamsin euro li hiija hallset biex xtrat it-tieni magna.

Xehdet ukoll Maria Grech, li kkonfermat illi hija kienet marret ghand is-socjeta' intimata u qaltilhom b'dak li gara kif ukoll li kienu qeghdin jippruvaw jaghmlu kuntatt maghhom bla success.

Ikkinsidra

Illi peress illi s-socjeta' intimata ma dahlitx risposta u hadd ma deher biex jaghti x-xiehda tieghu, it-Tribunal m'ghandux versjoni ohra li tikkontrasta dak li qieghda tghid ir-rikorrenti li fic-cirkostanzi jidher li huwa verosimili.

Ghal dawk li huma l-fatti, irrizulta illi fis-17 ta' Jannar 2019, ir-rikorrenti xtrat tumble dryer minghand is-socjeta' intimata ghall-prezz ta' €304.01(ara l-fattura esebita), u giet installata gurnata wara. Irrizulta wkoll illi tlett snin wara, il-magna zvillupat hsarat u waqfet tahdem fil-perjodu tal-garanzija li kienet ta' hames snin. Ghalkemm is-socjeta' intimata baghtet tekniku fuq il-post, jidher illi kien hemm element ta' dewmien min-naha tas-socjeta' intimata, u anke giet infurmata illi l-kumpanija kienet ghalqet u ma kienx hemm parts iktar available. Fil-fatt ir-rikorrenti bezghat illi tibghat il-magna ghat-tiswija u meta offrewlha li tixtri wahda gdida minghand Triple A, hi hekk ghamlet.

Illi l-fatt illi l-kumpanija kienet ghalqet jew ma kellhiex parts available ma jezonerahiex mill-obbligi taghha, u xorta wahda baqghet responsabbli fit-termini tal-garanzija skond il-ligi. Jekk il-bejjiegh ma setax isewwi l-oggett minhabba li ma kienx hemm spare parts, kwindi kellu jew jaghti r-rikorrenti rimborz, jew inkella jibdel il-magna ghal wahda gdida. Fil-fatt, skond ir-rikorrenti, kienet is-socjeta' intimata illi ssugerewlha illi tixtri magna gdida, u ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi fic-cirkostanzi, ir-rikorrenti ghandha d-dritt li tigi rimborzata ghall-prezz li hallset ghal magna gdida.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna s-socjeta' intimata jhallasha s-somma ta' mitejn u hamsin euro, bi dritt tas-socjeta' intimata li tiehu lura l-magna difettuza wara li jsir il-hlas. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru